MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠISTLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 3 – IT-TLIETA 28 TA' LULJU 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-7.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Hector Cassola | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tat-tieni laqgħa tal-Kunsill ġew meħuda bħala moqrija. Saret korrezzjoni f'paġna numru tnejn (2.7) fejn kien tħalla barra l-isem tal-post riferut. Dan ġie emendat billi tniżżel l-isem "Il-Ġnien magħruf bħala tas-Sinjura fi Triq Sir Philip Pullicino" dwar il-każ fejn l-Awtorita tad-Djar għandha tagħti refużjoni ta' € 11,647 għal tiswijiet li saru fis-snin ta' qabel.

1.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku.

## 2. KARIGI TAL-KUNSILLIERI

2.1 Is-Sindku ppreżenta lista ta' karigi kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku | Finanzi, Ġemellaġġ, Qasam Soċjali, u Żvilupp Lokali |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku | Infrastruttura, Ambjent, u Traffiku |
| Antoine Vella | Kunsillier | Kummerċ, Trasport Informatika, u Iġene |
| Helen Bugeja | Kunsilliera | Ugwaljanza, Familja, Konsumatur u Turiżmu |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier | Edukazzjoni, Kultura u Sports, u Relazzjonijiet Pubbliċi |

Il-karigi ġew aċċettati bi qbil unanimu.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 L-Aġent Segretarju ppreżenta lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju li tlaħħaq l-ammont ta' € 29,427.01.

3.2 Is-Sindku kkumenta dwar il-pagament numru 8 ta' Ells Urban Services Ltd, fl-ammont ta' € 12,459.14 għal xogħol ta' *cold tarmac* u *patching works*. Huwa qal illi dan il-pagament se jitħallas wara li l-kuntrattur kien ħa miżurilegali għalkemm il-Kunsill preżenti ma kienx jaf b'dan ix-xogħol. Kien hemm ittra tal-Perit Buhagiar li x-xogħol kien filfatt sar, ref. tal-ittra minn MED Design Associates, tal-25 ta' April referenza 26214. Dan ix-xogħol kien mogħti mis-Sindku ta' qabel Ms. Josephine Abela bejn Marzu u Novembru 2007. Il-Kunsill qabel li dan il-kont għandu jitħallas. Dan qiegħed jitħallas taħt l-insistenza tal-Perit Charles Buhagiar.

3.3 Il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju ġiet approvata.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-iskrivan Jason Cutajar bid-data ta' 28 ta' Lulju 2009, indirizzata lil-Aġent Segretarju u oħra lis-Sindku fejn hu infurmahom li kien sejjer jirriżenja iżda jibqa fil-kariga sal-31 ta' Awwissu 2009. Huwa ma ta ebda raġuni għar-riżenja tiegħu, iżda offra l-għajnuna għal matul il-perjodu ta' transizzjoni. Il-Kunsill qabel li

s-Sindku għandu jitkellem mas-Sur Jason Cutajar biex jiddiskuti din l-ittra. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom joħorġu applikazzjonijiet ġodda mill-aktar fis possibli biex jiġi ingaġġat skrivan/a mal-Kunsill. Għal din il-kariga.

4.2 Applikazzjoni għal Green Challenge Award: L-Aġent Segretarju ppreżenta d-dettalji ta' din l-iskema sabiex il-Kunsill japplika għal-fondi. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għandu jidħol għaliha u l-Aġent Segretarju ġie nkarigat biex jibgħat l-applikazzjoni lid-Dipartiment.

4.3 Garanzjiji tat-Tenders tas-Soft Areas: Peress li t-*tender* tas-*Soft Areas* kienet inħarġet għal pubbliku l-Ġimgħa 29 ta' Mejju, qabel l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u b'hekk xi garanzjiji setgħu ġew skaduti. Kien hemm wieħħd mit-tenderers, is-Sur Martin Bonavia, li ġedded min jeddu l-garanzija peress li hu kien jaf li allura skada iż-żmien tagħha. Il-Kunsill qabel li minħabba iċ-ċirkustanzi, kemm tal-elezjonijiet tal-Kunsilli Lokali u fatturi oħra, il-garanzjiji li hemm fit-*tenders* li se jinfetħu f'din il-laqgħa jibqgħu validi u b'hekk kulħadd jiġi trattat fuq l-istess ugwaljanza.

4.4 Dwar applikazzjoni ta' sostanibilita ta' proġetti fil-lokalita, il-Kunsill qabel li għandu jitfa applikazzjoni għal dawn il-fondi.

4.5 Stima dwar spejjeż għal manuntenzjoni tal-lift (total € 487.63): din iċ-ċifra tinkludi x-xogħol, il-materjal u l-VAT. Il-Kunsill qabel li qabel ma jitħallas dan il-kont, wieħed għandu jivverifika mal-Lift Services Ltd jekk dan l-ammont huwiex kollu tal-Kunsill jew parti minn żewġ terzi oħra.

4.6 Ittra mingħand id-*Day Centre* Mtarfa fi Triq San Oswald fejn jinżammu 115 il-persuna bi ħtiġijiet speċjali. Id-*Day Centre* qed jitlob finanzjament biex jinxtara apparat għal *merry-go-round.* Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mas-Segretarja tad-*Day Centre* biex jinkisbu aktar dettalji.

4.7 Korrispondenza dwar problemi ta' drenaġġ li qed jagħmel *backflow* ġo residenza tas-Sur Cortis. Il-Kunsill qabel li din il-problema għandha tiġi solvuta bejn is-Sur Cortis u d-dipartiment ikkonċernat.

4.8 Installazzjoni ta' antenna bejn Vodafone u Melita Mobiles. Il-Kunsillier Anatole Scerri Diaconi qal li Melita Mobiles kienu minn tal-ewwel li applikaw għal installazzjoni ta' antenna fuq it-Torri tal-Arloġġ. Kienu offrew xi inċentiva, iżda kien hemm ukoll applikazzjoni oħra mingħand il-Vodafone fejn offrew kondizzjonijiet iżjed favorevoli. Il-Vodafone kienu għamlu xi spejjeż sabiex jivverifikaw dwar l-installazzjoni tal-antenna u kienu qed jistennew li t-Torri tal-Arloġġ jiġi devolut lill-Kunsill qabel ma titwaħħal l-antenna. Mal-Vodafone kien diga sar ftehim permezz ta' *letter of intent* sabiex jinstallaw *flat panels* għal dan

l-iskop. Għalhekk il-Kunsill qiegħed jaċċetta t-talba tal-Vodafone peress li kienet iżjed vantaġġuża u diġa ħadu inizzjattiva dwar dan. Il-Kunsill qabel u għandu jiġi iffirmat ftehim fuq il-bażi u l-kondizzjonijiet tal-Vodafone.

4.9 L-Aġent Segretarju ippreżenta applikazzjoni għad-devoluzzjoni tat-Torri tal-Arloġġ. Il-Kunsill qabel li din l-applikazzjoni għandha ssir biex din il-propjeta tiġi devoluta lilu.

4.10 *Club House*: L-Aġent Segretarju ppreżenta ittra mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u skrittura privata tal-*Club House* fejn spjega li l-Kunsill mhux se joħrog xejn flus għal-kiri tal-*Club House* lis-sub inkwilini. Id-Dipartiment għamel il-proposti tiegħu sabiex jiġu nklużi f'din l-iskrittura privata fejn dwar spejjeż interni ta' dawl, ilma, tibjid u oħrajn, kif ukoll instalazzjonijiet ta' *meters*, dawn għandhom ikunu għal karigu tas-sub inkwilin. Il-kera dovut lill-Kunsill m'għandux ikun aktar minn dak li l-inkwilin iħallas lis-sid. Kundizjoni oħra hija l-kera ta' € 1,397.62 tiżdied b'ammont ta' € 2.33 kull sena sakemm tilħaq il-massimu ta' € 2,795.24 fis-sena. Dan il-kuntratt qiegħed jerġa jiġi emendat mid-Dipartiment tad-Djar qabel ma jiġi ffirmat.

4.11 Red Cross: Is-Sindku rrefera għal laqgħa li kellu ma din l-organizazzjoni sabiex jingħata bidu biex tiġi iddentifikata propjeta ħalli r-Red Cross ikunu jistgħu joperaw u jagħtu servizz minn dan il-post. Is-Sindku ppropona xi bini li mhux qed jintuża sabiex issir devoluzzjoni tiegħu biex ir-Red Cross ikunu jistgħu jagħtu servizz ta' ambulanzi, *first aid*, u *civil protection*. Għalhekk qed isiru dawn it-taħdidiet bejn il-Kunsill u r-Red Cross biex wieħed jagħmel l-għażla ġusta u tinkera l-propjeta għall-operat tagħhom.

4.12 Kulleġġ San Nikola: Ittra mingħand l-Iskola Sekondarja tas-Subien fejn is-Sindku talab biex tintuża s-sala bejn it-22 u 27 ta' Settembru 2009. L-Iskola Sekondarja wieġbet illi hija disposta toffri s-sala għal dan il-perjodu ghal donazzjoni mill-Kunsill ta' € 150. Il-Kunsill qabel ma dan l-ammont li jitħallas għall-użu tas-sala bil-kondizzjoni illi l-Iskola Sekondarja hija inkluża fuq *schedule 8*, jiġifieri l-lista li tinkludi l-ismijiet min jista jirċievi donazzjonjiet mingħand il-Kunsilli. Hekk spjega l-Aġent Segretarju li għandu jivverifika mal-lista imsemmiha qabel ma titħallas id-donazzjoni.

4.13 *Zebra Crossing* fi Triq San David: Il-perit tal-Kunsill, Robert Musumeci, informa lil perit Vassallo tal-ADT li l-applikazzjonijiet kienu saru bil-pjanti u dan tal-aħħar għandu joħroġ il-permess fi żmien qasir.

4.14 Proġett tal-Bandli: Is-Sindku qal li l-pjanti għandhom jibqgħu dawk oriġinali b'eċċezzjoni li se jsiru xi alterazzjonijiet peress li kien hemm tlett

siġriet fuq is-sit li ma setgħux jintmessu. Is-Sindku qal li ordna l-*bill of quantities* mingħand il-perit għal dan il-proġett.

4.15 *Part-time employee* għax-xahar ta' Awwissu: Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali fejn id-Dipartiment ma sab ebda oġġezzjoni li jiġi ingaġġat skrivan/a *part-time* għax xahar ta' Awwissu għal wara nofs inhar. Is-Sindku wieġeb illi peress li l-informazzjoni kienet waslet tard mingħand id-Dipartiment jinħass illi m'għadx hemm l-ħtieġa li jiġi ingaġġat skrivan/a *part time*.

4.16 *Website*: Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono sostna li l-*website* tal-Kunsill għandha tiġi aġġornata billi turi l-aħħar attivitajiet li għamel il-Kunsill u nformazzjoni oħra utli għar-residenti.

4.17 Monument: Il-monument sabiex tiġi imtella' l-arma tal-*ex fire station* ġie approvat mill-MEPA (PA/01817/09). Kien għad baqgħalu biss jiġi riferut mill-Awtoritajiet tas-Sanita u deċiżjoni mid-*DCC board*.

4.18 Il-Kunsillier Antoine Vella pproduċa ritratti ħdejn l-Ex Married Quarters kuntuniera mal-Triq l-Orkideja fejn hemm bieb miftuħ li jagħti għal ġo propjeta pubblika. Għandhom jintbagħtu r-ritratti lill-MEPA ħalli tinvestiga jekk qattx ingħata permess biex jinfetaħ dan il-bieb.

4.19 Il-Kunsillier Antoine Vella ppreżenta petizzjoni mingħand residenti fi Triq Mikiel Fsadni dwar problema fis-sistema tad-drenaġġ li qed ifur meta tagħmel ix-xita u problema oħra ta' pressjoni baxxa tal-ilma tal-vit. Rigward il-problema tad-dranaġġ għandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment biex jibgħat bowser ha jsir it-tindif.

4.20 Il-Kunsillier Antoine Vella ilmenta li jeżistu arbli tal-Enemalta fil-lokalita tal-Mtarfa li m'humiex innumerati. Għalhekk għandha tinkiteb ittra lil Enemalta sabiex jittieħdu l-passi kollha meħtiega biex dawn jiġu nnumerati.

4.21 Il-Kunsillier Antoine Vella ressaq l-ilment tas-Sur Carmel Borg illi ġo ~~Binja Ġebel id-Dwej~~ra għandu garaxx li jridu jsiru l-*yellow lines* quddiemu u hemm ukoll problema tal-ilma tax-xita. Intqal ukoll illi ~~Dar l-Anzj~~ani hemm nuqqas ta'parking għar-residenti ta' Binja Ġebel id-Dwejra u għalhekk qed jiġi issuġġerit li ikun hemm parking ~~bil-ħin~~.

4.22 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech tkellem dwar żewġ bozoz numru 22A u 15A li kellhom jitbiddlu fi Triq Tifkiriet Puniċi. Dan l-ilment għandu jitressaq lill-kuntrattur għat-tibdil tal-bozoz.

4.23 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech qal li mhux qed isir ġbir ta' skart domestiku bl-*iscammel* fi Triq Salvatore Manduca u għalhekk il-kuntrattur għandu jiġi infurmat.

4.24 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ppreżenta artiklu mit-Times of Malta fejn il-Kunsill ta' San Ġwann applika għal fondi sabiex jippreservaw il-*cart ruts*. Huwa staqsa jekk dan setgħax japplika għal Kunsill tal-Mtarfa.

4.25 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono qal illi f'post ġol-Mtarfa magħruf bħala l-'Arvikji' fi Triq Sir David Bruce hemm numru ta' ġrieden u għanda tinkiteb ittra lid-Dipartiment tas-Saħħa sabiex titieħed l-azzjoni meħtieġa. Dan il-bini mhux qed jintuża.

4.26 Il-Kunsilliera Helen Bugeja issuġġeriet li ssir attivita għar-residenti fil-post imsemmi 'Splash and Fun'. Il-Kunsill qabel li ssir fis-26 ta' Awwissu bi prezz ta' € 15.00 għall-adulti u € 7.00 għat-tfal. Trasport huwa inkluż fil-prezzijiet u għal min mhux resident fil-lokalita iħallas € 1.00 iktar.

4.27 Is-Sindku qal li ċertu David Zammit li għandu propjeta fi Triq Konti Manduca Castelletti, Mtarfa, kellu jiltaqa mal-Kunsill biex jiddiskuti kif parti mill-art li hu għandu bil-ħamrija, tintuża ħalli jiġu ppjantati siġar fuq din il-propjeta. Għandha tinkiteb ittra lis-Sur David Zammit, "Honey Suckle", Triq il-Fortizza, Mosta MST 1187, sabiex il-Kunsill jiddiskuti miegħu dan il-proġett.

4.28 Is-Sindku qal illi l-Future Focus ser jiġu mitluba biex jimlew il-formoli sabiex terġa tiġi mtella l-attivita 'Military Mtarfa; dan qed isir wara li kien hemm sejħa mingħand il-Future Focus stess biex il-formoli jimtlew għal din l-attivita qabel il-31 ta' Awwissu 2009 data ta' għeluq. Is-Sindku qed jinforma lill-Kunsill li ser issir laqgħa nformali mal-Future Focus għal dan il-għan fejn il-Kunsilliera huma mistiedna li jattendu. Is-Sindku kompla jgħid illi wara li jimtlew il-formoli u jiġu aċċettati, jinbeda il-proċess għall-organizazzjoni ta' din l-attivita.

Il-Kunsilliera Helen Bugeja staqsiet x'kienet ir-raġuni illi l-Future Focus ser jerġa jieħu dan l-inkarigu meta tista tissejjaħ offerta pubblika.
Il-Kunsillier Antoine Vella insista li l-iskop tal-laqgħa mal-Future Focus li semma is-Sindku kellu jkun biss biex isiru l-formalitajiet għal 'Military Mtarfa' (i.e.) jiġifieri li jimtlew formoli biss u mhux li ssir xi tip ta' organizazzjoni jew jinbeda xi proċess qabel ma dan jiġi diskuss f'laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku nsista li din il-laqgħa ser ssir sempliċiment biex jimtlew il-formoli għal din l-attivita minħabba li ma kienx fadal wisq żmien biex issir l-applikazzjoni. Ma kien hemm ebda oġġezzjoni dwar dan.

4.29 Is-Sindku talab il-Kunsillieri biex jippreparaw il-materjal għal-fuljett tal-Kunsill peress li dan kien ser jiġi ppubblikat fi żmien qasir.

4.30 Il-Viċi Sindku ppropona li s-Sur Andrew Bondin, wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL, jitħallas € 20.00 għal spejjeż ta' *diesel* peress li kien qed juża l-vettura tiegħu għal xogħol tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

4.31 Ġie ssuġġerit biex il-Kunsillieri u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikollhom kumpens għal spejjeż ta' telefonati bil-*mobile* li huma jagħmlu fuq xogħol tal-Kunsill għall-ammont ta' € 10.00 fix-xahar. Din qegħda tingħata minn issa sas-sena 2010 meta jibdew ir-riformi dwar il-Kunsilli Lokali fejn f'dawn ir-riformi hemm stipulat kumpens għal Kunsillieri u dan l-ammont jiġi mwaqqaf u sostitwit bil-kumpens li hemm mniżżel fir-riforma. Il-Kunsill qabel illi dwar dan il-każ l-Aġent Segretarju għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal konferma.

## 5. TENDERS

5.1 Żamma u manuntenzjoni tas-Soft Areas, Tender no.01/09: Din it-*tender* b' sejħa għal offerta pubblika li deheret fil-gazzetti tal-Gvern numri 18404, 18410, 18412 data 17/04/2009, 28/04/2009, 30/04/2008 respettivament.

L-Aġent Segretarju fetaħ il-kaxxa tat-*tenders*. Preżenti miegħu kien hemm il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech u l-Kunsilliera Helen Bugeja, u żewġ persuni minn tmienja li tefgħu t-*tender* u li kienu preżenti waqt il-laqgħa.

Inġabru tmien tenders u waqt il-laqgħa, is-Sindku u l-Aġent Segretarju fetħu t-*tenders* waħda waħda u ngabru d-dettalji kif ġej. L-Aġent Segretarju pprovda formoli apposta lil kull Kunsillier sabiex jieħdu notamenti tad-dettalji li kien hemm fuq it-tenders mitfugħa. Id-dettalji huma kif ġej:

| | Tenderer Name & Address | Bid Bond € | Details | Total Offer € | Remarks |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ELC (Wied Inċita)<br><br>Dr Ronald Cuchieri<br>Wied Inċita Nurseries, Attard<br>Env. Landscapes Cont.<br>Tel: 21420993/2 | € 2,100.00<br><br>BOV | Inclusive of VAT and 5% C.M. fee | € 16,500.00 per Annum.<br><br>Alternative 'B'<br>€ 19, 00.00<br>Yearly employee | Alternative 'B'<br><br>Full time yearly employee assigned with council |
| 2 | Mr. George Cortis<br>1B, Binja Santa Lucija, Mtarfa | € 1,100.00<br>HSBC | €60.00 daily | € 21,900.00 per Annum | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Tel: 21453207 | | | | |
| 3 | Joseph & Charles Gauci<br>31"Paradise", Flat 1<br>Triq Carmelo Micallef<br>Rabat<br>Tel: 99474574 | € 1,500.00<br><br>APS Bank | Inclusive of VAT and 5% C.M. fee | € 30,000.00 per Annum | |
| 4 | Anthony & William Mifsud<br>27, Triq K. Mifsud<br>Pieta<br>Tel: 79677566 | €2,330.00<br><br>HSBC | Inclusive of VAT | € 45,435.00 per Annum | |
| 5 | Mr. Martin Bonavia<br>24 "Rosa Mistica"<br>Triq Sir David Bruce<br>Mtarfa<br>Tel: 79708780 | €850.00<br><br>BOV | | € 17,000.00 | |
| 6 | Mr. Saviour Mifsud<br>"SylSav"<br>Triq L-Eroj<br>Żebbuġ<br>Tel: 99495994 | € 1,165.00<br><br>HSBC | | € 20,730.00 | |
| 7 | Ms. Mary Carmen Gatt<br>"Delphiniums"<br>Triq San Ġwann l-Għammied<br>Rabat<br>Tel: 99825507 | € 700.00<br><br>BOV | Inclusive of VAT and 5% C.M. fee | € 34,940.00 | Extra kull qlugħ u tħawwil €185.50<br><br>Ħamrija €60.00 kull vjaġġ |
| 8 | Mr. Kenneth Busuttil<br>"Francis"<br>St. Lucy Street<br>Mtarfa<br>Tel: 21455242 - 21450960 | € 1,250.00<br><br>BOV | | € 30,290 | |

Wara li tniżżlu d-dettalji dwar it-*tender* sottomessi, il-Kunsill qabel li l-evalwazzjoni tagħhom issir f'sezzjoni separata, msejħa għal-10 ta' Awwissu 2009 għal dan l-iskop. Għandhom jitħabbru d-dettalji hawn fuq, fuq in-*notice board* tal-Kunsill.

5.2 **Tender għaż-żamma ta' Latrina Pubblika**: Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ offerta b'*tender* minflok sejħa għal kwotazzjoni kif deher fuq il-gazzetta tal-Gvern. L-Aġent Segretarju se jipprepara d-dokumenti biex jinħareg it-*tender*.

5.3 **Tender għal *Insurance Coverage***: L-Aġent Segretarju informa lill-Kunsill, illi kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti, din it-tender ħarġet u ġiet ippublikata fil-gazzetta tal-Gvern.

## 6. ESTIMI FINANZJARJI 2009-2010

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-estimi għal dan il-perjodu. Wara diskussjoni u mistoqsijiet lis-Segretarju u lis-Sindku, ġew spjegati l-elementi tal-*budget* fejn l-estimi intlaqgħu tajjeb u ġew approvati mill-Kunsill.

## 7. LAQGĦA ANNWALI 2009

7.1 Is-Sindku ħabbar illi l-laqgħa annwali tal-Kunsill għar-residenti ser issir f'Settembru.

## 8. GĦELUQ IL-LAQGĦA

8.1 Is-Sindku talab lil-Aġent Segretarju biex tintefa l-applikazzjoni għad-devuluzzjoni għat-Torri tal-Arloġġ.

8.2 Is-Sindku talab ukoll biex japplika għal żewġ skemi, '*Green Challenge Award*', u '*Enterprise Support Award*'

8.3 Il-laqgħa ingħalqet fl-10.00 ta' filgħaxija.

Anthony Mifsud
Sindku

Hector Cassola
A/Segretarju Eżekuttiv

31 ta' Lulju 2009

## PAGAMENTI PENDENTI
## LAQGĦA NUMRU 3- 28 ta' LULJU 2009

| | Date of invoice | Invoice No. | Supplier/Contractor | Details | Cheque No. | Amount | Total | Remarks |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 25/06/2009 | | Anthony Mifsud | Hororarium - June 2009 | 4161 | | € 499.98 | |
| 2 | 25/06/2009 | | Hector Cassola | Monthly salary - June 2009 | 4162 | | € 1,187.40 | |
| 3 | 25/06/2009 | | Jason Cutajar | Monthly salary - June 2009 | 4163 | | € 766.37 | |
| 4 | 25/06/2009 | | Commisioner of Inland Revenue | NI and Fs5 for the month of June | 4164 | | € 458.10 | |
| 5 | 25/06/2009 | | Association of Local Councils | Skema ta' Sahha | 4200 | | € 399.00 | |
| 6 | 25/06/2009 | | DOI | Advert re: Tender Insurance to appear on the 21st and 28th of July | 4201 | | € 18.64 | |
| 7 | 25/06/2009 | | DOI | Advert: Quotation for Public Convenience to appear 24th July | 4202 | | € 9.32 | |
| 8 | 25/04/2008 | 26214-03 | Ell's Urban Services Ltd | Cold Tarmac Patch Work 2007 | | | € 12,459.14 | |
| 9 | 21/05/2009 | 2597 | Central Districts Office | Patching Works | | | € 587.06 | Material |
| 10 | 31/05/2009 | 31369 | G4S Security Services (Malta Ltd) | CIT Services - May 09 | | € 30.26 | | |
| 11 | 30/06/2009 | 31629 | G4S Security Services Ltd | CIT services for the month of June 09 | | € 30.26 | € 60.52 | |
| 12 | 31/05/2009 | 16319 | Greenlines Environmental Services Limited | Hiring of 12 Mobile Toilets | | € 495.60 | | Military Mtarfa |
| 13 | 31/05/2009 | 16335 | Greenlines Environmental Services Limited | Hiring and collection of 3 Bins on wheels | | € 42.48 | € 538.08 | Military Mtarfa |
| 14 | 31/05/2009 | | Carmelo Vella | Bulky Refuse service - May 2009 -57 households | | € 298.68 | | |
| 15 | 31/06/2009 | | Carmelo Vella | Bulky Refuse service -June 2009 -46 households | | € 241.04 | € 539.72 | |
| 16 | 01/06/2009 | | M.C.Gatt | Service Bill - June 2009 | | € 995.79 | | |
| 17 | 01/06/2009 | | M.C.Gatt | Extra street sweeping - June 2009 | | € 80.00 | € 1,075.79 | |
| 18 | 04/06/2009 | 48445 | WasteServ Malta Ltd | Hire of Bins - May 2009 | | 296.59 | | |
| 19 | 01/07/2009 | 49327 | WasteServ Malta Ltd | Hire of Bins - June 2009 | | 287.02 | 583.61 | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | 13/06/2009 | 2213 | Galea Curmi Engineering Consultants | Filling of application for Energy saving Scheme | | | € 125.08 | |
| 21 | 17/06/2009 | 316168 | Lift Services Ltd | Testing and inpecting of lift | | | € 21.07 | |
| 22 | 22/06/2009 | | Il-Fajsu Co. Ltd | Galv. Pipes, flat bars and angles for poles of flags | | | € 250.03 | |
| 23 | 30/06/2009 | 1548 | Charlie & Joseph Gauci | Xoghol ta'Soft Areas ghax-xahar ta' Gunju | | € 1,353.95 | | |
| 24 | 30/06/2009 | 1549 | Charlie & Joseph Gauci | Bexx ta'Palm kontra l-bumunqar l-ahmar. (32 palma /€ 23 il-wahda) | | € 736.00 | € 2,089.95 | |
| 25 | 30/06/2009 | 136276 | Complete Supplies Ltd | 10 A4 photocopy paper -80gsm white, 8 transparent tape | | € 31.55 | | |
| 26 | 02/07/2009 | 136464 | Complete Supplies Ltd | 2 Canon LBP 2900 | | € 134.52 | 166.07 | |
| 27 | 02/07/2009 | 95012 | Attard Bluemix Concrete Supplies Co Ltd | Concrete C20 + 10mm (Quan 2.00) &Transport charge | | | € 147.85 | |
| 28 | 03/07/2009 | | GO plc | Rental Charge/ 01/07/09-31/07/09 Call charge/01/06/09-30/06/09 etc. | | | € 253.31 | |
| 29 | 04/07/2009 | 33/09 | Patrick Caruana | Accountancy fees for May & June 2009 | | | € 139.76 | |
| 30 | 06/07/2009 | 290108 | TCTC training | E-Tfal agreement & Distribution of leaflets-Quantity 714 @ 0.050 | | | € 685.70 | |
| 31 | 06/07/2009 | SINO21835 | MITA | Payment for period July -Sept 2009 | | | € 477.58 | |
| 32 | 07/07/2009 | 1390 | Dolceria Appetitosa | Various Food Items | | | € 74.93 | |
| 33 | 27/06/2009 | 451299 | Eco Pure | 18.9 Litres / Table water | | | € 12.74 | |
| 34 | 07/07/2009 | | S Rutland | Filming of Military mtarfa DVD | | | € 318.60 | |
| 35 | 30/06/2009 | MTF110 | Northern Cleaning Co-operative Limited | Gbir ta' skart Gunju 2009 | | | € 2,080.83 | |
| 36 | 06/05/2009 | | Roy's Stationery | laminations, photocopies, certificate paper, binding etc | | | € 142.53 | |
| 37 | 15/07/2009 | 528 | Joseph Micallef | Maintenance and replacement of light bulbs | | | € 1,041.49 | |
| 38 | 20/07/2009 | 120/09 | Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer July 2009 | | | € 118.00 | |
| 39 | 09/04/2009 | 10891822-3 | Water Services Corporation | Outstanding payments | | | € 2,098.76 | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | **TOTAL** | € 29,427.01 | |